MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Numru. 858/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Graziella Muscat**
**Spettur Priscilla Caruana**

**vs**

**Alfred Xerri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Alfred Xerri iben Francis u Josephine nee' Tanti, imwieled Rabat nhar it-28 ta' Novembru 1940, residenti gewwa l-fond 27, Triq San Pawl, Birzebbugia u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 792040(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'Birzebbugia u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer fix-xahar t'Awwissu 2009 ;

1. B’eghmil zieni, ikkorrompa lil persuni ta’ taht l-eta’ ta’ tnax-il sena cioe l-ahwa SD u KD

2. Eccita, ghen jew iffacilita’ l-korruzzjoni ta’ persuni ta’ taht l-eta’ tas-sess l-wiehed jew l-iehor, cioe l-istess ahwa minuri S u KD, persuni ta’ taht l-eta’ ta’ tnax-il sena,

3. Offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku.

L-Qorti kienet gentilment mitluba illi minn issa tapplika l-provedimenti tal-ligi a terminu tal-artikolu 412C et sequitur tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta’ protezzjoni tenut kont tar-reati adebitati u c-cirkostanzi.

F’kaz ta’ htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna involuta, l-familja taghha kif ukoll dawk il-persuni li lilhom giet fdata l-istess minuri ai termini ta’ l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-10 ta’ Gunju 2010 (inserita a fol. 142 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

a. fl-artikoli 203(1) (a) u 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
b. fl-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
c. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal-22 ta’ Lulju 2010 iddikjara li ma kellhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-12 ta’ Awwissu 2009 ghall-habta tas-6.00pm l-imputat Alfred Xerri kien qieghed il-Bajja s-Sabiha gewwa Birzebbugia fil-bahar bit-tlett iklieb tieghu li kienu fuq lilo. Dak il-hin gew diversi tfal hdejh biex jaraw dawn il-klieb u jilaghbu maghhom u fost dawn it-tfal kien hemm K u SD zewg ahwa ta’ disa’ (9) u tmien (8) snin rispettivament. Dawn iz-zewgt ahwa meta marru lura d-dar mill-bahar qalu lil ommhom li ragel anzjan li kien liebes beritta celesti kien messhom fil-parti privata taghhom kif ukoll fil-warrani. Illi meta l-omm u cioe’ ED semghet dak li gara cemplet lil habiba taghha li kienet maghha l-bahar halli tara jekk it-tfal l-ohra li kienu maghhom gralhomx xi haga simili izda peress li t-tfal l-ohra kienu subien dawn qalu li ma kien gralhom xejn simili. Meta wasal id-dar missier it-tfal u gie infurmat x’gara il-genituri ta’ K u SD marru jaghmlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Birzebbugia fejn it-tfal taw deskrizzjoni ta’ din il-persuna u ndikaw li huwa kellu statura hoxna, daqna twila u kellu anki xi tattoos zghar fuq dirghajh. Abbazi ta’ din id-deskrizzjoni l-Pulizija tad-distrett kellhom suspett fuq persuna li toqghod gewwa Birzebbugia li kien l-imputat fil-kawza odjerna u dan gie arrestat u nterrogat in konnessjoni ma’ dan il-kaz. Mill-provi rrizulta li malli l-imputat gie arrestat huwa mill-ewwel staqsa lil Pulizija jekk kienux qed jarrestawh in konnessjoni mat-tfal li kienu qed jghumu fi Pretty Bay dakinhar (vide xhieda ta’ PS 853 Frankie Sciberras a fol 70).

Fl-udjenza tal-1 ta’ Settembru 2009 xehdet f’dawn il-proceduri ED omm iz-zewg minuri koncernati (a fol 14) fejn din qalet li fil-gurnata in dizamina kienet marret Pretty Bay bit-tlett itfal taghha flimkien ma hbieb ohra li wkoll kellhom it-tfal maghhom. Hija spjegat li malli rritornaw id-dar kelmitha t-tifla z-zghira S u qaltilha li ragel anzjan li kien fil-bahar beda’ jmissilha kuxtejha u mbaghad itella idu u jmiss il-warrani taghha. Fil-fatt ix-xhud kelmet lit-tifla l-ohra taghha u staqsietha jekk fil-fatt ghaddietx mill-istess esperjenza u din ukoll qaltilha li kien gralha bhal ohtha u li r-ragel kien messilha kemm il-parti ta' quddiem taghha u

cioe' il-parti genitali kif ukoll il-parti ta’ wara. ED wara li semghat x'qalu t-tfal cemplet xi hbieb taghha li kienu l-bahar maghhom sabiex tara jekk kienux jafu xi haga izda minhabba li t-tfal taghhom kienu subien dawn qalulha li ma kien gralhom xejn. Din ix-xhud spjegat li malli qalet lir-ragel taghha dwar dak li kien x'gara dan mal-ewwel qalilha sabiex imorru jaghmlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija. ED ziedet tghid li t-tifla taghha tan-nofs S kienet qeghda tibza minn dan ir-ragel ghaliex huwa kien qalilha sabiex ma tghidx lil ommha fuq dak li gara u cioe' li kien missha. ED regghat xehdet waqt l-udjenza tal-25 ta’ Novembru 2009 fejn hija qalet li kienet lemhet ragel b’lilo li kellu tlett iklieb mieghu fuqu u dak il-hin rat li t-tfal taghha u xi tfal ohra marru hdejh sabiex jilaghbu mal-klieb. F’xi hin is-subien li kienu hdejn dan ir-ragel bdew jitilqu minn hdejh u t-tfal taghha baqghu hemm u hi anki rat tifla Ingliza maghhom. Ix-xhud qalet li f’xi hin bdiet tghidilhom sabiex jigu hdejha ghaliex ma kinitx qed tafda lil dak ir-ragel. Hija rat lil dan ir-ragel jaghmel xi mossa taht l-ilma u jressaq it-tfal lejh izda ma setghetx tara sewwa minhabba li kien hemm il-lilo. F’xi hin ix-xhud rat lit-tifla l-kbira taghha titlaq minn hdejn ir-ragel u tmur tilghab x’imkien iehor u hdejn ir-ragel fil-fatt baqghet it-tifla z-zghira S. ED spjegat li hija baghtet lil xi hadd jghid lil S sabiex tigi lura hdejha u r-ragel li kien bil-lilo tela’ u telaq l’hemm. Hija gharfet lill-imputat bhala l-istess ragel li kien il-bahar dakinhar.

Waqt l-udjenza ta-1 ta’ Settembru 2009 xehdet ukoll il-minuri KD (a fol 23) fejn wara li qalet li kellha disa' snin spjegat li meta kienet il-bahar ma ommha u hutha kien hemm ragel xih fil-bahar li beda’ jmissilha il-private body. Hija qalet ukoll li dan ir-ragel kellu tliett iklieb mieghu liema klieb kienu fuq il-lilo. Hija qalet li misset wiehed mill-klieb u dan ir-ragel u cioe l-imputat beda’ jmissha minn wara fejn dahhal idejh bejn kuxtejha u mexa’ ghal parti genitali taghha. Dan ir-ragel baqa' jzommha hekk ghal xi hin u mbaghad hija daret u telqet l'hemm u marret tghum ‘il boghod minnu. Hija kompliet tghid li dak il-hin fil-bahar kien hemm ohtha u xi hbieb subien izda lil dawn is-subien l-imputat ma misshomx. K spjegat li s-subien kienu telqu minn hdejn il-lilo meta l-imputat beda’ jmissha. Hija qalet ukoll li ohta S kienet fuq il-lilo warajha dak il-hin li telqet.

Din ix-xhud spjegat li meta waslet id-dar qalet lil ommha x'kien gara dakinhar. Il-minuri tat deskrizzjoni tal-klieb u tal-persuna u qalet li kien dan kien liebes beritta fuq rasu. Hija qalet li waqt li kienet qeghda tghum kienet liebsa malja shiha u spjegat li r-ragel beda' jmissha minn fuq il-malja u mhux fuq il-laham u malli rat x'kien qieghed jaghmel qaltlu li qed tghajtilha ommha u pruvat titlaq izda hu prova jaqbdilha sieqha u prova jmissha minn taht il-malja wkoll izda ma hallitux u telqet 'l hemm. K qalet li ma kienitx telghet fuq il-lilo nonostante li l-imputat kien qalilha sabiex titla' fuqu. Hija qalet li ohtha kienet telghet fuq il-lilo u l-imputat anki kien qalilha sabiex toghdos u tghaddi minn tahtu. K qalet li meta qalet lill-imputat li kienet ser titlaq huwa qalilha sabiex ma tmurx izda hija xorta wahda telqet ghaliex kienet qed tibza'. In kontro-ezami il-minuri qalet li dan ir-ragel kien qieghed hemm qabilhom u li din kienet l-ewwel darba li kienu rawh hemm. Hija qalet ukoll li kienu huma li marru hdejh flimkien ma' erbat itfal ohra u spjegat li meta huma kienu mal-lilo is-subien telqu minn hdejhom u baqghu' hi u ohtha S. Hija kompliet tghid li l-imputat kien il-hin kollu bil-malja. Meta giet mistoqsija jekk fil-fatt l-imputat setghax biss laqatha waqt li kienet fil-bahar hija qalet li le ma setghax ikun u regghat irribadiet li hija ma kinitx pruvat titla' fuq il-lilo tieghu. Hija qalet li l-ghada li gara dan l-incident kienet tkellmet mat-teacher taghha tal-iskola sajf ghaliex kienet qeghda thossha mdejqa hafna fuq dak li gara.

Waqt l-udjenza tal-1 ta' Settembru 2009 xehdet ukoll il-minuri SD (a fol 38) fejn din qalet li kienet marret tghum fi Pretty Bay f'Birzebbugia flimkien ma ommha, hutha u xi tfal ohrajn u kien hemm ragel li kellu tlett iklieb. Hija kompliet tghid li rat lil dan ir-ragel bil-lilo bil-klieb fuqu u hi flimkien ma ohtha, huha u l-hbieb taghhom marru jaraw il-klieb fuq il-lilo. Hija tghid li staqsietu fuq il-klieb u huwa kellimha lura u ndunat li kien Malti. Hija tat deskrizzjoni tar-ragel u qalet li kellu daqna twila kif ukoll li kien liebes beritta celesti u malja kulur orangjo. Hija qalet ukoll li kellu xi tpingija zghira fuq dirghajh il-leminija u statura hoxna.S spjegat li meta marret tara l-klieb dan ir-ragel beda' jmiss il-parti genitali taghha u missilha anki zaqqha u sabiex huwa ma jkomplix imissha hija daret minn fuq il-lilo u

qabzet il-bahar. Hija kompliet tghid li l-imputat beda’ anki jghidilha sabiex tghaddi minn bejn saqajh waqt li tkun qed toghdos u ghalkemm ghamlitha hija ma missitux ghaliex kien mahmug. Il-minuri spjegat li kienet liebsa malja shiha u li l-imputat missha fuq kuxtejha u zaqqa minn fuq il-malja. Hija qalet ukoll li huwa prova jmiss il-parti genitali taghha minn fuq il-laham izda hija ma hallitux. Hija ma ftakritx kemm damet hdejh izda qalet li meta telqet hi ma kienx baqa’ aktar tfal hdejh u ftakret li kien hemm tifla Ingliza u meta bdiet tghajtilha ommha din marret hdejha u ma regghatx giet. S qalet li l-imputat prova wkoll jmiss lil din it-tifla Ingliza li kienet liebsa l-bikini. Hija kompliet tghid li f’xi hin maghha kien hemm il-habib taghha K li kien ‘il boghod minnha madwar zewg piedi. Il-minuri qalet li r-ragel dam imiss il-private body taghha mhux aktar minn sitt sekondi. Hija qalet li l-ewwel darba li telghet fuq il-lilo talbet permess minghand ir-ragel izda wara huwa beda’ jghidilha sabiex titla’ fuqu u hi telghet wahidha minghajr ma r-ragel beda’ jghinha sabiex titla. Il-minuri spjegat li r-ragel kien qalilha sabiex ma tghid xejn lil hadd dwar dak li gara u cioe’ li beda’ jmissha. Hija kompliet tghid li sakemm kienet hdejn il-bahar lil ommha ma qaltilha xejn fuq dak li kien gara u kien biss meta waslu d-dar li rrakkuntat kollox. Hija qalet li f’mument minnhom kienet qeghda zzomm il-lilo ghaliex qabez wiehed mill-klieb tar-ragel u dan u mar igibu lura u dak il-hin ommha qaltilha sabiex tmur hdejha u hija marret tilghab fuq ir-ramel u ma marritx lura hdejn ir-ragel. Il-minuri spjegat li hija ma marritx ghax bdiet tibza minnu u li kien ser jghamillha xi haga. SD qalet li fil-mument li l-imputat beda’ jmissha kemm huha kif ukoll ohtha kienu telqu izda kien hemm il-habib taghha K. Hija qalet li ohtha K ma kinitx qaltilha biex jitilqu minn hemm u din fil-fatt telqet u hallietha hemm wahidha. Hija ziedet tghid li f’dak il-mument ma kinitx qaltlu xejn lil habib taghha K dwar dak li kien gralha. Il-minuri qalet li la hi u l-anqas ohtha ma qalux lir-ragel sabiex jieqaf jew inkella ghajruh xi haga u dan ghaliex huma bezghu li huwa seta’ jghamillhom xi haga.

F’dawn il-proceduri xehed ukoll KA (a fol 125) fejn dan qal li kellu hdax-il sena u spjega li huwa kien mar il-bahar flimkien mal-kugin tieghu u xi hbieb ohra fejn kien hemm

ukoll iz-zija tieghu kif ukoll habiba taghha. Dawn it-tfal l-ohra kienu S, K u RD. Huma marru jghumu fil-bajja is-Sabiha ta' Birzebbugia fejn qal li kien hemm ragel li kellu l-klieb u t-tfal l-ohra bdew imissu dawn il-klieb. Huwa qal li bdew jghidulu biex jghaddu minn taht il-lilo u hu beda jigbidhom minn saqajhom izda huwa ma kienx hemm. Huwa kien sema' biss u dan il-kliem kien qalu dak ir-ragel li kien bil-klieb li kienu fuq il-lilo. Huwa qal li fil-fatt kien ra lil K u lil S jghodsu u ma ra xejn aktar.

Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv l-Ispettur Graziella Muscat li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2009 jirrizulta li meta l-Pulizija kelmu lill-imputat dan qalilhom li dakinhar kien qieghed jippassiga fil-bahar meta f'xi hin gew xi tfal u bdew idejquh u qalilhom sabiex jitilqu l'hemm. L-imputat qal lil Pulizija li kien qal lit-tfal biex joqghodu jghodsu waqt li huwa jkun fuq il-lilo u fil-fatt kien pogga wahda mit-tfal fuq il-lilo ghaliex kienet hi li talbitu jaghmel hekk. Huwa qal li dawn it-tfal bdew jitilqu ftit ftit minn hdejh u meta gie mistoqsi rigward il-kelma promise huwa ghazel li ma jirrispondix kif ghamel ukoll rigward kaz li huwa gie misjub hati fuqu fil-passat. L-imputat irrilaxxja stqarrija li giet esebita f'dawn il-proceduri u tinsab inserita a fol 81 fejn ghazel li ma jirrispondix ghal kwazi d-domandi kollha li sarulu. Huwa inoltre ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali (5 ta' Dicembru, 1997)*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-

buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et** gie ritenut li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

*“il cosi’ detto onero della prova, cioe’ il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit”.*

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta’ Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x’jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b’zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi minn ezami akkurat tax-xhieda taz-zewg minuri koncernati jirrizulta minghajr dubju li l-imputat kien miss liz-zewgt itfal fl-inhawi tal-parti genitali taghhom waqt li huma kienu fil-bahar minn fuq il-malji li kienu liebsin u prova anki jdahhal idejh minn taht il-malja sabiex imisshom minn fuq il-laham izda ma rnexxilux ghaliex it-tfal ma hallewhx. KD eskludiet li l-imputat seta laqatha accidentalment u li fil-fatt huwa ma kienx qed imissha u l-Qorti hija tal-fehma li x-xhieda taz-zewg minuri tindika kjarament li l-affarijiet ma grawx b’mod accidentali kif qed tissuggerixxi d-Difiza u cioe’ li l-imputat seta’ laqat lit-tfal accidentalment waqt li dawn kienu qed jilaghbu. Appati l-fatt li l-Qorti m’ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita’ tat-tfal stante li dawn kienu dejjem konsistenti fil-verzjoni tal-fatti li taw, hemm zewg fatturi ohra li komplew jikkonvincu lil Qorti li l-imputat kien qieghed konxjament qed imiss lit-tfal fil-parti genitali taghhom u cioe’ il-fatt li huwa qal lil wahda mit-tfal sabiex tweghdu li ma kienet ser tghid xejn lil ommha dwar dak li kien gara kif ukoll il-fatt li malli gie arrestat l-imputat mal-ewwel staqsa lil Pulizija jekk huwa kienx qed jigi hekk arrestat minhabba dawk it-tfal li kienu qed jghumu. Il-Qorti jidrilha li li kieku l-imputat verament mess lit-tfal b’mod accidentali huwa ma kien ikollu l-ebda raguni ‘il ghala jghidilhom sabiex ma jghidu xejn lil ommhom u l-anqas kien ikollu raguni li jissuspetta li qed

jigi arrestat minhabba dak li gara fil-bahar. Ma hemmx dubju li l-imputat qal lil SD sabiex ma tghid xejn lil ommha ghaliex huwa kien jaf x'ghamel u li ser jigi fl-inkwiet jekk isiru jafu l-genituri tat-tfal.

Fin-Nota ta' Rinviju tieghu tal-10 ta' Gunju 2010 (inserita a fol. 142 tal-atti processwali) l-Avukat Generali ndika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 203(1)(a) u 203A u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Korruzzjoni ta' Minorenni (L-artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**

Dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni li bih jinsab akkuzat l-imputat permezz tal-ewwel imputazzjoni il-Qorti tixtieq l-ewwel u qabel kollox taghmel referenza ghal dak li qalet il-**Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)** f'sentenza tat-**8 ta' Jannar 1996** fil-kawza fl-ismijiet '**Pulizija vs Thomas Wiffen'** fejn dwar l-element materjali ta' dan ir-reat il-Qorti qalet is-segwenti:-

*"For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual apetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts":*

*"Atti di libidine). debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine). Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella*

*giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p.967).*

*[...]*
*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a soddisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter who was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni per se l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:-

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not*

*the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*

Wara li saret din l-esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali l-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern jirrizultaw l-estremi kollha ta' dan ir-reat. Illi mix-xhieda tal-istess minuri fil-fatt jirrizulta kif l-imputat baghbas liz-zewgt itfal kemm fil-parti genitali taghhom kif ukoll fil-warrani u ma hemmx dubju li dan l-agir kien volontarju u mhux accidentali u intiz biss sabiex jissodisfa b'xi mod l-imputat u ghalhekk jammonta ghal 'atto di libidine' kif hawn fuq deskritt. Il-Qorti jidrilha wkoll li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jirrizulta wkoll ir-rekwizit tal-korruzzjoni per se kemm minhabba l-eta' zghira taz-zewgt itfal koncernati kif ukoll minhabba l-fatt li mix-xhieda taghhom jirrizulta li huma ddejqu b'dak li kien gara u fil-fatt hassew li kellhom jghidu lil ommhom u wahda minnhom addirittura anki hasset il-htiega li titkellem mal-ghalliema tal-iskola sajf l-ghada tal-akkadut u anki ghaliex huma bezghu mill-imputat u hasbu li dan seta' jghamlilhom affarijiet ohra wkoll.

Illi mic-certifikati tat-twelid tal-minuri K u S jirrizulta li fil-mument li gara r-reat de quo huma kienu taht l-eta' ta' tnax-il sena u ghalhekk jissussiti l-aggravju ndikat fl-artiklu 203(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputat hati ta' korruzzjoni ta' minorenni bic-cirkostanzi aggravanti ndikati fis-sub-inciz (a) tal-Artikolu 203(1). Mill-provi jirrizulta wkoll li l-atti maghmula mill-imputat saru f'lok pubbliku u cioe' fil-bajja ta' Birzebbugia

u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Huwa evidenti li l-Artikolu 203A gie ndikat mill-Avukat Generali bhala alternattiva ghall-Artikolu 203 u ghalhekk una volta li qed tinstab htija abbazi tal-Artikolu 203 din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni(2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati, l-eta' tenera tal-vittmi u l-fatt li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kkommetta reati simili u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju datata 10 ta' Gunju 2010 u senjatament l-Artikoli 17, 203(1)(a) u 209 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlett(3) snin prigunerija. Stante li t-tieni(2) mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Il-Qorti qed tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri koncernati u tal-familjari u hbieb taghhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata minnufih lill-imsemmi Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------